IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.4.2021
COM(2021) 157 final

2021/0083 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istat tal-Qatar, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istat tal-Qatar (minn hawn 'il quddiem, "il-Qatar") u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ġie nnegozjat mill-Kummissjoni skont l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fis-7 ta' Ġunju 2016.

Fil-preżent jeżistu servizzi tal-ajru bejn l-UE u l-Qatar li joperaw abbażi ta' ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri individwali u l-Qatar.

Bħala parti mill-politika esterna dwar l-avjazzjoni, l-Unjoni tinnegozja ftehimiet komprensivi dwar is-servizzi tal-ajru, f'każijiet fejn ikunu ntwerew il-valur miżjud u l-benefiċċji ekonomiċi ta' tali ftehimiet. Il-Ftehim għandu l-għan, b'mod partikolari:

- li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta, in-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi ekonomiċi;

- li jiftaħ is-suq b'mod gradwali f'termini tal-aċċess għar-rotot u tal-kapaċità;

- li jsaħħaħ il-konnettività, u b'hekk ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u għall-ekonomija.

• Kuntest ġenerali

Id-direttivi tan-negozjar stabbilixxew l-objettiv ġenerali li jiġi nnegozjat ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bl-għan li l-aċċess għas-suq jinfetaħ b'mod gradwali u reċiproku, li jittejbu l-kooperazzjoni u l-konverġenza regolatorji u li jiġu żgurati l-kompetizzjoni u t-trasparenza.

Skont id-direttivi tan-negozjar, ġie inizjalat abbozz tal-Ftehim mal-Qatar miż-żewġ naħat fl-4 ta' Marzu 2019.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

The conclusion of an EU air transport agreement is a key element in the development of the EU external aviation policy, as described in the Commission Communications COM (2012) 556 final on the "EU's External Aviation Policy - Addressing Future Challenges" and COM (2015) 598 final on "An Aviation Strategy for Europe": Qatar is one of the fastest growing extra-EU markets, where passenger numbers have increased to more than 6 million (Eurostat 2019). Kważi l-Istati Membri kollha diġà taw aċċess sħiħ għas-suq permezz tal-ftehimiet bilaterali eżistenti tagħhom dwar is-servizzi tal-ajru mal-Qatar. Madankollu, dawn il-ftehimiet għad ma għandhomx dispożizzjonijiet adegwati dwar ċerti elementi essenzjali biex jiġu evitati l-abbużi ta' suq liberalizzat, bħall-kompetizzjoni ġusta, it-trasparenza jew kwistjonijiet soċjali.

• Consistency with existing provisions in the area of the proposal

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u l-Qatar. Madankollu, id-drittijiet tat-traffiku eżistenti li joriġinaw minn dawn il-ftehimiet bilaterali u li

mhumiex koperti fil-qafas ta' dan il-Ftehim jistgħu jkomplu jiġu eżerċitati, diment li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

Ir-Regolament (UE) 2019/712 dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru jiżgura li kwalunkwe miżura adottata abbażi tiegħu trid tirrispetta l-obbligi internazzjonali, inklużi dawk ta' dan il-Ftehim.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-arranġamenti eżistenti magħmula minn Stati Membri individwali. Il-Ftehim joħloq kundizzjonijiet ugwali u uniformi għall-aċċess għas-suq għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni Ewropea b'mod simultanju, u jistabbilixxi arranġamenti ġodda għall-kooperazzjoni u għall-konverġenza regolatorji bejn l-Unjoni Ewropea u l-Qatar f'oqsma li huma essenzjali għat-tħaddim sikur, sigur u effiċjenti tas-servizzi tal-ajru. Dawn l-arranġamenti jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-Unjoni.

L-objettivi tal-proposta se jintlaħqu aħjar permezz tal-azzjoni tal-Unjoni għar-raġunijiet li ġejjin.

The Agreement allows for the simultaneous extension of its terms to the 27 Member States, applying the same rules without discrimination and benefiting all Union air carriers regardless of their nationality. Jinkludi dispożizzjonijiet komprensivi dwar is-sussidji, il-prattiki kontra l-kompetizzjoni u t-trasparenza, kif ukoll mekkaniżmi robusti biex jinforza dawn id-dispożizzjonijiet, u b'hekk jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-servizzi tal-ajru bejn l-UE u l-Qatar, u bejn l-UE u destinazzjonijiet oħra, pereżempju fl-Asja, operati mill-Qatar.

Il-Ftehim jiżgura wkoll l-aċċess għall-opportunitajiet kummerċjali għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni, bħal dawk relatati mas-servizzi fuq l-art, il-code-sharing, l-intermodalità u l-possibbiltà li jistabbilixxu l-prezzijiet liberament, u jneħħi r-rekwiżit li t-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jkollhom jikkollaboraw ma' sponsor lokali biex jistabbilixxu uffiċċji lokali fil-Qatar. Jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet soċjali konformi ma' dawk inklużi fi ftehimiet kummerċjali internazzjonali tal-UE, li jobbligaw lill-Partijiet itejbu l-politiki soċjali u tax-xogħol skont l-impenji internazzjonali tagħhom, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

Wara perjodu ta' tranżizzjoni, it-trasportaturi tal-ajru se jkunu jistgħu joperaw servizzi tal-passiġġieri u tal-merkanzija liberament minn kwalunkwe punt fl-Unjoni Ewropea lejn il-Qatar, fi ħdan qafas regolatorju waħdieni tal-Ftehim, li bħalissa mhuwiex il-każ. It-trasportaturi tal-ajru se jkunu jistgħu wkoll joperaw xi servizzi li jġorru merkanzija biss lejn punti aktar lil hinn, soġġetti għal limitazzjonijiet ġeografiċi u ta' frekwenza.

It-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet kollha għall-aċċess għas-suq bejn l-Unjoni u l-Qatar mhux biss se tattira parteċipanti ġodda fis-suq u se toħloq opportunitajiet biex isiru operazzjonijiet lejn ajruporti li mhumiex moqdija biżżejjed, iżda se tiffaċilita wkoll il-konsolidazzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Se jiġi stabbilit Kumitat Konġunt biex jiġu diskussi l-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt se jħeġġeġ l-iskambji fil-livell tal-esperti u jista' jqis l-oqsma potenzjali għall-iżvilupp ulterjuri tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt se jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, u minn rappreżentanti tal-Qatar.

Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkomplu jwettqu l-kompiti amministrattivi tradizzjonali tagħhom li huma jwettqu fil-kuntest tat-trasport internazzjonali bl-ajru, iżda skont regoli komuni applikati b'mod uniformi.

- **Għażla tal-istrument**

Ftehim internazzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'konformità mal-Artikolu 218(4) tat-TFUE, il-Kummissjoni wettqet in-negozjati b'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali. Il-partijiet ikkonċernati tal-katina tal-valur sħiħa tal-avjazzjoni u s-sħab soċjali, inklużi b'mod partikolari t-trejdjunjins, ġew ikkonsultati wkoll matul in-negozjati. Il-kummenti li saru f'dan il-proċess ġew ikkunsidrati.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Sommarju tal-ftehim propost**

The Agreement consists of the main body including the core principles and two annexes: l-Anness I dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali u l-Anness II dwar l-applikabbiltà ġeografika tad-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà għal servizzi li jġorru merkanzija biss.

Since 1 January 2021, Union law no longer applies to the United Kingdom. Therefore, in agreement with Qatar, all references to the United Kingdom in the initialled text have been removed and a standard territorial clause has been included.

2021/0083 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istat tal-Qatar, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu.

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istat tal-Qatar rigward Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istat tal-Qatar, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem, il-"Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fl-4 ta' Marzu 2019.

(2) The Agreement should be signed on behalf of the Union, subject to its conclusion at a later date.

(3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan, l-iffirmar tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istat tal-Qatar, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, huwa awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 3

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-Unjoni skont l-Artikolu 29(3) tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President